**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Numru: 139/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**
**(Spettur Paul Ciantar)**

**vs**

**KEVIN MIFSUD**
**(ID: 437174M)**

**Illum, 11 ta' Marzu 2019**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **KEVIN MIFSUD** detentur ta' karta ta' l-identita` 437174(M), tressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-10 ta' Marzu 2019 u fix-xhur u snin ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Ghamel jew ipproduċa jew ippermetta li jiġi magħmul jew prodott xi materjal indeċenti jew ipproduċa, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegh, issupplixxa, ittrasmetta, ghamel disponibbli, akkwista ghalih innifisu jew għal ħaddieħor, jew wera dak il-materjal indeċenti ta' persuni ta' taht l-eta.

2. Aktar talli fl-istess perjodu, lok, hin u cirkustanzi akkwista, xjentament akkwista access permezz ta' teknologiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni ghal, jew kellu fil-pussess tieghu, xi materjal indicenti li juri, jaghti stampa ta' jew jirraprezenta xi persuna ta' taht l-eta'.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, jekk jidrilha xieraq joghgobha tordna hrug ta' ordni ta' trattament skond l-Art 412 D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fl-udjenza tal-11 ta' Marzu 2019, l-imputat waqt l-ezami, ammetta l-htija tieghu, u dan billi wiegeb li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu;

Rat illi l-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, meta wissiet lil-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu, spjegatlu l-imputazzjonijiet li jinsab mixli bihom u l-piena erogabbli, u kif ukoll tat zmien lill-imputat biex jahseb sew dwar din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu;

Rat illi l-imputat fuq mistoqsija tal-Qorti iddikjara li ma ghandux bzonn iktar hin biex jikkontempla l-ammissjoni tieghu u kkonferma l-istess ammissjoni;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ammetta waqt l-ezami ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant, in vista ta' din l-ammissjoni li del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur tieghu u bl-osservanza tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 392A(1) u 453(1) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tqis li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet debitament ippruvata u b'hekk l-imputat ghandu jinsab hati tal-istess imputazzjoni.

Ghall-fini tal-piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti fuq dikjarazzjoni ta' htija tal-imputat, il-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom is-serjeta` tar-reati li ghalihom l-imputat ammetta l-htija tieghu, liema reati jassumu iktar gravita` meta wiehed jikkonsidra l-ambjent li fih jahdem l-imputat.

Madanakollu, il-Qorti hadet qies ukoll tal-fedina penali netta tal-imputat, il-kooperazzjoni pjena tieghu fl-investigazzjonijiet tal-Pulizija u l-ammissjoni bikrija tieghu, u hija tal-fehma illi fic-cirkostanzi, ghalkemm ma jkunx xieraq li tigi inflitta piena karcerarja, huwa mehtieg li jinhareg Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-imputat sabiex b'hekk mhux biss jinghata l-ghajnuna li jehtieg sabiex jevita l-kommissjoni ta' iktar reati ta' din ix-xorta, izda tigi assigurata wkoll ir-rijabilitazzjoni tieghu.

## Decide

**Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 208A(1) u (1B) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni l-Qorti qieghda ssib lil KEVIN**

**MIFSUD hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u tikkundannah piena ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar prigunerija, izda, peress illi fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz jissussistu ragunijiet validi biex it-terminu ta' prigunerija jigi sospiz bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tordna l-hrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-hati u dan skont il-kundizzjonijiet elenkati fl-Ordni moghtija kontestwalment.**

**Wara li rat u ghall-finijiet tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda wkoll tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* ossia tal-oggetti kollha elevati mill-pussess tal-hati, liema oggetti jinsabu lkoll elenkati f'Dok. JB4, JB5, JB6 u JB7.**

**Billi ma jirrizultax illi gew mahtura xi esperti jew periti f'dawn il-proceduri, il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba li saret a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Dr. Rachel Montebello**
**Magistrat**